Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 249/2015

Il-Pulizja

Vs

Philip Bonello

Illum 28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Philip Bonello detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 69465M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar l-1 ta' Novembru, 2014 ghall-habta tad-09:15hrs waqt li kien gewwa l-fond 38, Triq Depiro, Sliema, hebba ghal martu Loren Grecae Ballares Bonello u binto Sophia Loren Bonello u kkaguna griehi ta' natura hafifa hekk kif iccertifikat minn Dr. Adrian Cordina M.D. ta' Gzira Health Centre;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Mejju, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 221(1) u 383(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija sospizi ghal tlett (3) snin taht supervizjoni ai terminu tal-Aritkolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Trattament ghal tlett snin ma' Dr. Ethel Felice ai terminu tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Philip Bonello, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-18 ta' Mejju, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti tannulla u/jew thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni imressqa fil-konfront tieghu u minn kwalisasi htija imputata lilu.

Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tenut kont tal-fatt illi ghandu jirrizulta assolutament car illi l-esponent ma kkommetta ebda reat fil-konfront ta' bintu, jekk stess din l-istess Qorti taghzel illi ssib xi htija fil-konfornt tal-esponent fir-rigward ta' martu, (ghalkemm ghandu jirrizulta li anki f'tali kaz ma ghaniex tinstab htija) l-istess Qorti tiddistingwi b'mod car ir-rizultanzi taghha biex kwalsiasi sentenza taghmilha cara li l-esponent ma kien hati ta' ebda nuqqas fil-konfront ta' bintu.

Assolutament ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jitlob ukoll illi fi kwalunkwe kaz is-sentenza appellata ghandha ghaldaqstant tigi varjata ghar-raguni li ghadha kemm inghatat, kif ukoll sabiex ikun hemm varjazzjoni u riforma tas-sentnza appellata sabiex il-piena u cioe' s-sentenza sospiza li nghatat fil-konfront tieghu tigi ridotta ghal piena anqas gravuza (dejjem jekk tinstab kwalsiasi htija) kif ukoll sabiex ikun hemm tnehhija tal-ordnijiet ta' supervizjoni u trattament li gew imposti fil-konfront tieghu.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Philip Bonello huma s-segwenti w cioe':-

**Dwar l-ewwel aggravju.**

Illi dan l-aggravju huwa wieħed ta' naturali proċedurali referibbli għal dak li jipprovdi l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u cioe' li:

*Fis-sentenza għandhom qabel xejn jingħataw* ***ir-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun ibbażat id-deċiżjoni tagħha****, u għandu jkun hemm fiha wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet tal-attur u għall-eċċezzjonijiet tal-konvenut:...* **(enfasi mizjuda)**

Illi fil-mument li l-ewwel Qorti fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2015, wara li semgħet lill-partijiet u t-trattazzjoni orali, ġiet biex issib lill-esponent ħati tal-akkuzi miġjuba kontrieh, l-istess Qorti ma provdiet **ebda raġuni** għalfejn hija sabet lill-esponent ħati. Hu biss tenut kont tal-piena li ġiet inflitta, li wieħed qed jippresumi li l-istess Qorti kkonsidrat li l-esponent kien ħati kemm illi ħebb għal martu kif ukoll għal bintu. Minkejja dan kollu pero' l-Ewwel Qorti ma provdiet ebda spjegazzjoni u motivazzjoni għalfejn hija sabet lill-esponent ħati u jekk stess ma kkonsidratx li hu kien ħati fil-konfront ta' bintu, ma hemm xejn li jindika dan il-fatt – bi preġudizzju ovvju fil-konfront ta' l-esponent.

Illi agħar minn hekk, jidher li hija prassi ta' l-istess Qorti li s-Sentenza b'mod formali tiġi redatta u stampata **wara** li jkun ġie ntavolat Appell f'kaz biss li jiġi ntavolat appell biex b'hekk anki jekk effettivament fil-mument ta' smiegħ ta' dan l-appell quddiem din l-Onorabbli Qorti wieħed f'dak il-mument jaf isib li jkun hemm Sentenza formali, fil-mument li dan l-appell ġie formulat, l-esponent kien sprovvist minn kwalsiasi Sentenza formali ħlief għal dak li ġie elenkat fuq il-komparixxi (kif hawn annessa bħala **Dok A**) li telenka biss il-pieni li ġew ordnati fil-konfront ta' l-esponent mingħajr ma elenkat ebda raġuni jew motivazzjoni. Dan kollu ovvjament iwassal mhux biss għal sitwazzjoni fejn hemm ksur lampanti tal-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili izda wkoll iwassal għal sitwazzjoni fejn l-esponent tqiegħed f'posizzjoni ta' diffikulta kbira biex jintavola appell stante li jinsab sprovvist minn sentenza formali li tispjega r-raġunijiet għalfejn ġie meqjus li kellha tinstab ħtija. Dan kollu għandu jitqies li huwa tassew leziv għad-drittijiet ta' l-esponent u għandu jwassal għall-irritwalita' u għan-nullita' tas-sentenza appellata.

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ta' l-Appell Superjuri kellha riċentment l-opportunita' li turi biċ-ċar x'inhuma l-konsegwenzi ta' nuqqasijiet ta' dan it-tip fil-mod ta' kif tingħata Sentenza u fil-kuntest ta' dak li jipprovdi l-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Fil-fatt fis-sentenzi mogħtija minnha fl-14 ta' Mejju 2015 fl-ismijiet *Liza Delia v. Ir-Registratur tal-Qorti Kriminali u Tribunali*

*(Malta) u L-Avukat Generali* (fosthom Appell Civili Numru. 150/2015/1l-istess Qorti kkonsidrat illi (pg. 6 tal-imsemmija sentenza) illi:

*12. Jista' jizdied ukoll li fid-decizjoni appellata tal-ewwel Qorti, fi kwalunkwe kaz, ma hemm xejn li jindika x'kien il-fatt li jammonta ghal disprezz lejn l-awtorita` taghha u li tieghu dik il-Qorti kienet qed issib lill-appellanti hatja. Dan igib bhala konsegwenza li l-ewwel Qorti naqset milli tosserva wiehed mir-rekwiziti tas-sentenza kontemplat fl-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) li jipprevedi li fis-sentenza ghandhom qabel xejn jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun ibbazat id-decizjoni taghha. (Ara App "Wara r-rikors tal-Avukat tar-Repubblika Anzjan Dr. Silvio Camilleri fl-atti tal-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Said", 17/6/1987)*

......

*14. Tenut kont li n-nuqqasijiet fid-decizjoni appellata ravvizati fil-premess huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk sollevabbli ex ufficio u jwasslu ghall-irritwalita` u nullita` tad-decizjoni appellata ma hemmx htiega li din il-Qorti tindirizza s-sottomissjonijiet l-ohra tal-appellanti u tal-appellati.*

*Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi tiddikjara d-decizjoni appellata irrita u nulla.*

Illi għalkemm il-mertu ta' tali proċeduri kien referibbli għal deċizjoni permezz ta' liema l-ewwel Qorti kienet sabet lill-appellanti ħatja ta' disprezz mingħajr ma indikat ir-raġuni għalfejn, il-konsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti ta' l-Appell f'tali sentenza għandhom jitqiesu li huma applikabbli għall-appell odjern stante li kif baqgħet tispjega l-istess Sentenza, in-nuqqas li kien imputabbli lill-Ewwel Qorti kien dovut għall-fatt li din kienet naqset milli tagħti r-raġunijiet li fuqhom hija kienet ibbazat id-deċizjoni tagħha, proprju kif ġara f'dan il-kaz, irrispettivament mill-fatt li l-mertu kien wieħed differenti. Dan qed jingħad proprju għaliex dik li qed tiġi mpunjata f'dan l-aggravju hija l-proċedura segwita mill-Ewwel Qorti fil-mod ta' kif hija tat is-sentenza u ta' kif hija ppronunzjat ruħha meta sabet ħtija fil-konfront ta' l-esponent mingħajr ma spjegat għalfejn.

Illi kif ikkonsidrat ukoll f'paġna 10 tas-sentenza fl-ismijiet Charles Cortis vs. Francis Aquilina deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-25 ta' Settembru 2003:

*"M'huwiex ghalxejn li l-ligi tipprovdi[1] li s-sentenza ghandha tkun motivata u li jinghataw ir-ragunijiet li fuqhom il-Qorti tkun sejset id-decizjoni taghha. Huwa minhabba dawk ir-ragunijiet li wiehed jista' jifhem x'ikun wassal lill-Qorti taqta' l-kawza kif fil-fatt qatghetha."*

Illi dan kollu hawn fuq spjegat huwa fil-fatt ikkumplimentat b'dak li kien ġie preċedentement ikkonsidrat f'sentenza oħra tal-Qrati tagħna fejn ġie kkonsidrat, fil-kawza fl-ismijiet **Agricultural Co-Operative Limited vs Peter Axisa** deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili (Inferjuri) fit-28 t'April 2004 illi (paġna 8 u 9 tas-sentenza);

*"Dak li maggorment jitqies vitali hu li s-sentenza tkun verament investiet il-meritu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom.* ***Mhux bizzejjed allura li tintuza fil-parti disposittiva l-espressjoni generika tac-cahda tat-talbiet jew tal-eccezzjonijiet ghax din certament ma tissodisfax fl-aspett kollu tieghu il-vot tal-ligi fl-Artikolu 218."***

Kif ukoll li:

*"....il-motivazzjoni hi ta' essenza tal-gudizzju u* ***ma jistghax jinghad allura illi jkun qed jidher li ssir gustizzja mal-partijiet jekk dawn ma jinghatawx is-sodisfazzjon minimu tar-raguni li tkun wasslet lill-gudikant ghad-decizjoni tieghu****. Dan ighodd ghat-tribunali kollha, gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi."* (enfasi miżjuda)

U li:

***Il-process kellu jiggarantixxi mhux biss smiegh xieraq lill-partijiet izda wkoll li dawn ikunu jafu r-raguni ghaliex it-talbiet u/jew l-eccezzjonijiet ikunu qed jigu milqugha jew michuda. Dan hu bil-wisq fondamentali fid-determinazzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi civili tal-individwi u allura***

[1] 20 Art. 218 tal-Kap 12;

***tal-harsien kostituzzjonali u konvenzjonali taghhom.*** *Proprju "d-difett li jippregudika l-jedd ta' smiegh xieraq" precizat fl-Artikolu 790 tal-Kap 12 huwa intiz mhux biss biex tigi assigurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Ghal dan ukoll hu imprexxindibilment mehtieg illi s-sentenza tissodisfa l-element ta' motivazzjoni bazika li l-appellant kellu dritt ghaliha fid-decizjoni. Decizjoni li kellha tikkontjeni b'necessita` ritwali konstatazzjonijiet u dikjarazzjonijiet dwar "i punti formali e principali dell'azione e dell'eccezione".* ***(Enfasi miżjuda).***

Dan kollu hawn fuq spjegat jikkonferma li hija kull Qorti (nkluz għaldaqstant i l-Qorti li tat is-Sentenza appellata odjerna li hija marbuta li ssegwi l-prinċipju daqstant baziku li tipprovdi u tispjega r-raġunijiet li jkunu wassluwha għas-sentenza mogħtija minnha.

Dan l-obbligu għandu ovvjament jitqies li jiskatta mill-mument li l-Qorti tkun ippronunzjat ruħha u ċertament għandu jitqies li l-istess obbligu ma għandux jiġi kkonsidrat li jkun sodisfatt jekk is-Sentenza b'mod formali ma tkunx laħqet ingħatat sal-mument li persuna tkun intavolat l-appell tagħha. Il-fatt li l-Qorti appellata tidher illi hija eventwalment tipproduċi s-sentenza mogħtija minnha b'mod formali **wara** li jkun ġie ntavolat appell għandha titqies li hija leziva fil-konfront ta' min ikun ser jappella għaliex għall-finijiet ta' utilita', l-appellant għandu jkollu s-Sentenza f'idejh fil-mument li dan ikun qed jipprepara l-appell tiegħu u qabel ma dan effettivament jappella u mhux wara.

Dan anki biex jiġi evitat kwalsiasi suspett li jista' *altrimenti* jitnissel illi s-sentenza appellata tkun ġiet ifformulata u sostanzjata wara li tkun ittieħdet konjizzjoni ta' dak illi l-appell intavolat ikun elenka bħala aggravji. Biex wieħed jagħmilha ċara, mhux qed jingħad illi dan hu dak li fil-fatt qed jiġri izda ovvjament, jekk sentenza appellata tiġi formalment miktuba u tiġi a disposizzjoni ta' l-appellant wara li huwa jkun intavola l-appell tiegħu, dan is-suspett xi ftit jew wisq, jitnissel.

Dan kollu qed jingħad mizjuda mal-fatt fi kwalunkwe kaz illi persuna li ma tingħatax f'idejha s-sentenza li minnha tkun tixtieq tappella titqiegħed ovvjament

f'posizzjoni ta' zvantaġġ meta hija tiġi biex tappella għaliex tkun sprovvista minn dawk li setgħu kienu l-motivazzjonijiet li jkunu wasslu għal tali sentenza.

L-anqas ma għandu jitqies ġust għal persuna li wara li hija tinsab ħatja, hija tibqa' tittama jew tistenna jew tiġri wara l-Ewwel Qorti biex tingħata Sentenza formali matul il-perjodu li fih ikun jista' jiġi ntavolat appell għaliex ovvjament, tenut anki kont tat-terminu qasir entro liema appell ikun jista' jiġi ntavolat, tali Sentenza anki jekk fil-qasir, għandha tiġi prodotta u formulata mill-Ewwel Qorti *di sua sponte* fil-mument illi hija tgħaddi sabiex tiddeċiedi l-proċeduri u mhux wara. Ir-raġunijiet għandhom jingħataw mill-ewwel u jakkumpanjaw id-deċizjoni tal-Qorti. Dan pero' ma sarx.

B'hekk għandu jitqies li dan l-aggravju hu tassew ġustifikat u li b'hekk is-sentenza appellata għandha tiġi dikjarata li hi tassew irrita u nulla ladarba fil-mument li ngħatat is-Sentenza (u effettivament sakemm ġie ntavolat dan l-appell), l-esponent kien sprovvist minn Sentenza formali u mir-raġunijiet li setgħu verament immotivaw id-deċizjoni appellata.

Illi assolutament mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent sejjer xorta waħda jispjega f'aktar dettal il-kumplament ta' l-aggravji mressqin minnu.

**<u>Dwar it-tieni aggravju.</u>**

Illi fl-ewwel lok, tinġibed l-attenzjoni għall-fatt li x-xhieda mogħtija mill-minuri Sophia Loren Bonello u mhux fil-presenza diretta tal-ġenituri tagħha. B'hekk għandu jitqies li din ma kellha l-ebda pressjoni (ċertament mhux mill-esponent) biex tixhed b'mod li tiffaforixxi naħa jew oħra

Illi minn dak li ġie spjegat permezz ta' l-istess xhieda, l-minuri **<u>fl-ebda ħin</u>** ma qalet illi missierha u ċioe' l-esponent kien ħebb għaliha. Anzi spjegat li hija kienet waqgħet mal-art sempliċement għaliex bi zvista hija u missierha kienu daħlu f'xulxin (*bumped into each other*) meta dan kien daru lejha u hija kienet warajh u mxiet fid-direzzjoni tiegħu u hu dar lejn id-direzzjoni tagħha mingħajr ma nduna li kienet warajh.

L-istess minuri spjegat ukoll li xuffetjha kienu nqasmu għax kienu qegħdin *peeling* (xi ħaġa pjuttost komuni fiz-zmien ta' Novembru meta t-temp jibda' jiffriska jew meta xufftejn jixxuttaw. Il-minuri spjegat ukoll li kienu għalhekk li kellha qasma f'xufftejha u għax qadet tgiddimhom jew tqaxxar il-ġilda niexfa.

Minkejja dan kollu s-sentenza appellata inspjegabilment tagħti x'tifhem (tenut kont tal-piena li ġiet inflitta) illi hija kienet qed issib ħtija fil-konfront ta' l-esponent fir-rigward tal-minuri u mhux biss fir-rigward ta' ommha, minkejja li rrizulta b'mod daqstant ċar li l-esponent ma kien għamlilha xejn ħazin u li ċertament fl-ebda ħin ma kellu ebda ntenzjoni li jħebb għaliha jew li jweġġaħha (u l-anqas għal ommha, kif ser jiġi ulterjorment spjegat taħt it-tielet aggravju).

Għaldaqstant għandu jirrizulta li f'kaz illi s-sentenza appellata ma tirrizultax li hi nulla, din l-Onorabbli Qorti għandha tindirizza b'mod ċar u separat il-kontatazzjonijiet tagħha dwar l-allegazzjonijiet li tressqu kontra l-esponent fil-konfront ta' dak li allegatament ġara fil-konfront ta' martu, u dak li allegatament ġara fil-konfront ta' bintu.

Ċertament għandu jirrizulta li tenut kont ta' dak illi xehdet l-istess minuri l-ebda ħtija ma għandha u ma kellha tinstab fil-konfront ta' l-esponent in konnessjoni ma' bintu.

Konsegwentement, fl-agħar ipotesi għall-esponent, is-sentenza u piena għandha tiġi varjata l-piena biex din bl-ebda ma tagħti x'tifhem li l-esponent kien ħati ta' kwalsiasi nuqqas kontra bintu ai termini ta' dak imsemmi fl-akkuzi mressqin kontrieh.

Illi dan l-aggravju tressaq ukoll peress li huwa essenzjali għall-esponent li kwalsiasi sentenza li tkun tista' tingħata tagħmilha ċara illi l-esponent ma kien ħati ta' ebda nuqqas fil-konfront ta' bintu stante li tenut kont ta' proċeduri oħra li hemm pendenti bejnu u bejn martu ta' separazzjoni u kura u kustodja tal-minuri, kwalsiasi sentenza li tagħti x'tifhem li l-esponent kien ħati ta' nuqqas lejn bintu, tista' potenzjalment u prevedibilment tintuza' minn omm il-minuri biex tiġġustifika kwalsiasi nteress li din

jaf għandha biex iċċaħħad lill-esponent milli jkollu kura u kustodja u/jew aċċess tajjeb u raġjonevoli għal uliedu.

B'hekk l-effett tas-sentenza appellata jekk tibqa' invarjata tmur oltre minn sempliċi sejbien ta' ħtija nġust fil-konfront tal-esponent u l-minuri stante li din potenzjalment tista' tippreġudika nġustament ir-relazzjoni futura u l-kundizzjonijiet ta' aċċess u kura u kustodja li l-esponent jaf ikollu għall-istess minuri li huwa tassew iħobb.

**<u>Dwar it-tielet aggravju.</u>**

Illi permezz ta' dan l-aggravju, dak li qed jingħad hu li tenut kont ta' dak illi xehed l-esponent quddiem l-ewwel Qorti kif ukoll tenut kont ta' dak illi xehdet ukoll il-minuri fl-istess proċeduri, għandu jirrizulta li l-esponent ma kellux jinstab ħati li ħebb għal martu jew li kkaġunalha intenzjonalment kwalsiasi ġrieħi.

Dan stante li l-esponent effettivament kien qed sempliċement jipprova izomm lill-esponenti milli terfa' jdejha fuqu. Tant hu hekk li l-minuri ma qalitx li missierha ħebb għal ommha izda qalet sempliċement li kienu qed ixejru jdejhom lejn xulxin. Dan il-fatt għandu jitqies li għaldaqstant hu, jew seta' kien, kompatibbli ma' sitwazzjoni fejn fil-waqt li mart l-esponent bdiet ixxejjer idejha lejn l-esponent, huwa min-naħa tiegħu beda semplicement jipproteġi ruħu. Ladarba fil-kamp penali kwalsiasi dubju għandu jmur favur l-imputat, meta wieħed iqis dak kollu li rrizulta mix-xhieda ta' l-esponent u bintu, għandu jirrizulta li l-Qorti ma setgħet qatt tikkonsidra lilha nnifisha illi kienet konvinta lill hinn minn kwalsiasi dubju li l-esponent ħebb għal martu.

Anzi kif spjegat, hemm diversi kunflitti ta' prova b'mod partikolari l-fatt li minkejja li jidher illi mart l-esponent kienet allegat illi dan kien qabadha minn għonqa, iċ-ċertifikat mediku referibbli għaliha ma jsemmi ebda ġrieħi f'għonqa fil-waqt illi bir-rispett kollu, it-tbenġilha u nefħha li kellha fuq idejha setgħet faċilment tkun kompatibbli ma' kwalsiasi daqqa li din seta' kellha f'ċirkostanzi li ma kellhom xejn x'jaqsmu ma' l-esponent u b'hekk mhux neċessarjament dovuti għal kwalsiasi konfrontazzjoni li kellha ma' l-esponent. Dan qed jingħad ovvjament mingħajr

preġudizzju għall-fatt li fi kwalunkwe kaz, l-esponent spjega li huwa ma kienx ħebb għal martu izda prova sempliċement izommha 'l bogħod minnu fil-mument li din bdiet ixxejjer idejha lejħ – u b'hekk huwa kien fi kwalunkwe kaz, sempliċement iddefenda ruħu.

**Dwar Ir-raba' aggravju.**

Illi dan l-aggravju hu konness ma' dak spjegat fit-tieni u tielet aggravji. Fil-waqt li dawn iz-zewġ aggravji preċedenti huma aktar konnessi ma' dak li fil-fehma tal-esponent kienet ekwivalenti għal apprezzament ħazin mill-Ewwel Qorti tal-fatti li tressqu a konjizzjoni tagħha, dan l-aggravju hu konness mal-konsiderazzjoni illi s-sejbien ta' ħtija li sabet l-Ewwel Qorti kienet rizultat ta' applikazzjoni ħazina tal-liġi.

Dan qed jingħad għaliex mentri l-artikolu 339 (d) tal-Kap. 9 jipprovdi li *Huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-persuna, kull min iħebb kontra persuna **sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara** lil din il-persuna jew lil ħaddieħor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;* ***(enfasi mizjuda)*** u li b'hekk jitlob l-ezistenza ta' intenzjoni speċifika li wieħed jinġurja, jdejjaq jew jagħmel ħsara, fil-kaz odjern l-esponent ma kellu ebda wieħed minn tali skopijiet. L-iskop tiegħu anzi kien biss dak illi jwaqqaf lill-martu milli xxejjer idejha fuqu, kif diġa' spjegat.

Min-naħa l-oħra, li kieku wieħed jikkonsidra l-artikoli tal-Kap. 9 li jitkellmu dwar l-offizi **volontarji** kontra l-persuna (Titolu VIII, Subtitolu II) għandu wkoll jirrizulta li sabiex tinstab ħtija hemm bzonn illi jiġi stabbilit li l-imputat irid ikun kellu l-intenzjoni u volonta' li jikkaġuna ġrieħi lill-ħaddieħor. Fil-kaz odjern, minn imkien ma jirrizulta li l-esponent kellu intenzjoni li jweġġa' lill-mara tiegħu peress illi kif ingħad, huwa kien qiegħed sempliċement jipprova jbiegħdha minnu u jiddefendi ruħu, kif ampjament spjegat f'dan l-appell.

Għaldaqstant l-Ewwel Qorti ma setgħat qatt issib ħtija fil-konfront ta' l-esponent, la fir-rigward ta' l-akkuza li ħebb kontra martu jew bintu u l-anqas fir-rigward ta' l-allegazzjoni li kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa lilhom għaliex fiz-zewġ kazijiet ma

kien hemm l-ebda ntenzjoni li huwa jħebb għal xi ħadd u daqstantieħor ma kien hemm l-ebda volontarjeta' biex jiġu kkaġunati ebda ġrieħi.

**<u>Dwar il-ħames aggravju.</u>**

Illi assolutament mingħajr preġudizzju għal dak kollu msemmi f'dan l-appell, jingħad ukoll illi anki li kieku stess kellha tinstab kwlasiasi ħtija fil-konfront ta' l-esponent, is-sentenza mogħtija kienet ħarxa wisq tenut kont illi l-Ewwel Onorabbli Qorti mhux biss ikkundannat lill-esponent għal **<u>xahar</u>** priġunerija **<u>sospiż għal tlitt snin</u>** izda wkoll ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' supervizjoni ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9 Liġijiet ta' Malta) kif ukoll Ordni ta' Trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-istess Kap. 9 taħt is-supervizjoni tal-Psikjatra Dr. Ethel Felice.

Illi dan qed jingħad fl-ewwel lok stante li jekk wieħed jikkonsidra li l-esponent instab ħati ta' kontravvenzjoni ai termini tal-artikolu 339(d) tal-Kap 9, l-artikolu 7(2) tal-istess Kap. 9 jipprovdi li:

*(2) Bla ħsara tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 53 jew ta' xi liġi speċjali oħra, il-pieni li jistgħu jiġu mogħtija għall-kontravvenzjonijiet huma –*

*(a) id-detenzjoni;*

*(b) l-ammenda;*

*(ċ) iċ-ċanfira jew it-twiddiba;*

B'hekk dan l-artikolu ma jikkontemplax priġunerija.

Illi min-naħa l-oħra minkejja li l-artikolu 221 tal-Kap 9. jikkontempla illi:

*(1) L-offiża fuq il-persuna li ma ġġib ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu, titqies li hija ħafifa, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet xhur jew il-multa.*

... għandu jirrizulta ċar illi l-istess artikolu ma jistabilixxi ebda minimu ta' priġunerija. Għaldaqstant li kieku stess l-istess Qorti appellata kellha ssib ħtija, hija

ma kellhiex timponi perjodu ta' xahar priġunerija anki jekk stess wieħed kellu jqis l-aggravanti ta' zwieġ jew dixxendenza.

Illi, anki jekk stess dan ma jitqiesx li hu l-kaz, għandu ċertament pero' jitqies illi l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħet tissospendi s-sentenza hawn fuq imsemmija għal perjodu anqas minn perdjou daqstant twil ta' tlitt (3) snin.

Daqstantieħor għandu jirrizulta illi rrispettivament minn dan kollu, dawn il-proċeduri ma kellhomx iwasslu għall-estremi li l-Ewwel Qorti timponi ordni ta' supervizjoni u ordni ta' trattament fil-konfront ta' l-esponent in konnessjoni ma' dak illi hija sabitu ħati, tenut kont li l-akkuza kienet referibbli għal inċident li seħħ f'jum wieħed biss u li b'hekk ma kienx kaz ta' persuna li għandha xi karattru aggressiv jew ta' persuna li nsagħbet ripetutament ħatja ta' akkuzi simili bħal dawk imressqin fil-konfront tiegħu fil-kaz odjern.

Illi għalkemm matul is-smiegħ tal-proċeduri appellati, l-parte civile riedet jew pruvat tesebixxi xi ċertifikati psikjatriċi ta' l-esponent presumibilment referibbli għal kundizzjoni ta' *Obsessive Compulsive Disease with Depression* li l-esponent kien/hu afflitt minnha, u li hu forsi għal tali raġuni li l-Ewwel Qorti ġiet ikkundizzjonata fil-konfront tiegħu jew ħasset opportun li tagħti l-ordnijiet ta' supervizjoni u trattament, għandu jirrizulta illi din il-kundizzjoni li jbagħti minnha l-esponent ma għandha xejn x'taqsam ma' l-allegat inċident ta' allegata agressjoni li dwarha tressqu l-akkuzi odjerni fil-konfront tiegħu u li b'hekk ma kienx ġust għalih li jiġi rinfaċċat b'tali ordnijiet għaliex dan ma kellux jitqies li hu kaz ta' persuna li għandha problema ta' aggressivita'.

Illi jerġa' jiġi enfasizzat illi dan kollu qed jingħad mingħajr preġudizzju għall-fatt li l-esponent iħoss u jinsisti li huwa ma kellux jinstagħab ħati ta' ebda akkuzi. Pero' mingħajr preġudizzju għal tali fatt, il-piena u/jew ordnijiet li ngħataw fil-konfront tiegħu kienu xorta waħda ħorox izzejjed fi kwalunkwe kaz.

Ikkunsidrat,

Illi preliminarjament l-appellanti jissolleva il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti billi jishaq illi l-istess ma tissodisfax ir-rekwiziti stabbiliti fil-ligi fl-artikolu 218 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u dan billi hija nieqsa minn kull motivazzjoni u raguni li abbazi taghhom l-Ewwel Qorti wasslet ghad-decizjoni taghha.

Illi minn ezami ta'l-atti processwali jirrizulta illi fil-fatt hemm zewg sentenzi iffirmati mill-gudikant. L-ewwel wahda hija dik miktuba mill-gudikant *di proprio pugno* fuq il-komparixxi u dan kif solitament jigri fil-kawzi sommarji li jinstemghu quddiem l-Qorti tal-Magistrati fejn il-gudikant ighaddi biex jirregistra d-decizjoni tieghu minnufih hekk kif jinghalaq il-gbir tal-provi. Illi fl-atti, imbaghad hemm inserita sentenza ohra dattilografata bl-istess data u bl-istess *decide*, u iffirmata ukoll mill-gudikant, fejn issa giet mizjuda id-dikjarazzjoni ta' htija li hija nieqsa f'dik miktuba fuq il-komparixxi mill-gudikant.

Issa l-artikolu 377 ighid illi meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-Qorti, dak in-nhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali imbaghad jindika dak li ghandu ikun fiha is-sentenza *ad validitatem* meta jinghad:

**"Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat."**

Din id-disposizzjoni tal-ligi allura ma tinnecessitax illi s-sentenza tinkiteb mill-Magistrat jew inkella li din tkun wahda motivata, biex b'hekk ir-rekwiziti indikati fl-artikolu 218 tal-Kodici ta'l-Organizazzjoni u Procedura Civili, li fuqu l-appellanti isejjes l-aggravvju tieghu, ma isibux applikazzjoni fil-kamp penali.

Illi r-*ratio legis* wara l-artikolu 382 huwa illi s-sentenza tkun cara fis-sens illi kemm il-persuna akkuzata kif ukoll kull min huwa parti fid-decizjoni jifhmu x'kienu dawk il-fatti li dwarhom l-persuna akkuzata tkun qed tigi misjuba hatja, taghti l-piena ghal dawk il-fatti li qed jistabbilixxu ir-reita' u jissemmew id-disposizzjonijiet tal-ligi li dwarhom qed tinstab il-htija. Issa ma hemmx dubbju illi id-decizjoni ta'l-Ewwel

Qorti hija cara fis-sens illi hija sabet htija ghall-unika akkuza dedotta fil-konfront ta'l-appellanti. Il-Qorti imbaghad ghaddiet sabiex teroga il-piena ghal dan ir-reat. Kwindi billi l-vot tal-ligi jidher illi huwa sodisfatt, l-ewwel aggravvju sollevat mill-appellanti qed jigi rigettat.

Sorvolat ghalhekk dan l-ewwel aggravvju ta' natura proceduráli, jifdal biex jigu trattati il-lajanzi l-ohra ventilati mill-appellanti marbuta mal-mertu tal-kaz. Dan meta huwa jilmenta illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li kellha quddiemha u dan ghaliex mix-xhieda sahansitra tal-parti leza u tal-minuri ma kienx jirrizulta li sehh il-hebb kif akkuzat jew li kienu gew ikkagjonati xi griehi ta' natura hafifa kif allegat. L-appellanti inoltre jishaq illi l-Ewwel Qorti kellha titratta l-akkuza b'mod separat u dan meta giet biex tqies l-istess fil-konfront ta' mart l-appellanti u imbaghad fil-konfront ta' bintu minuri billi l-provi kienu differenti u allura ma setatx l-Ewwel Qoreti tpoggiehom f'keffa wahda. Dan ghaliex fil-fehma tieghu l-akkuza ma kellhiex tirrizulta fil-konfront ta' bintu minuri filwaqt illi fil-konfront ta' martu l-azzjoni minnu maghmula fl-iskontru li kien hemm bejniethom kien wiehed sabiex irazzanha milli tkompli taggredieh u mhux vice versa.

Illi "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[2]"

Issa f'dan il-kaz din il-Qorti kellha x-xorti li tisma x-xhieda mill-gdid u allura tista' tasal biex tistabbilixxi jekk l-Ewwel Qorti setatx abbazi tal-provi li kellha quddiemha tasal legalment u ragjonevolment ghal sejbien ta' htija fil-konfront ta'l-appellanti. Fuq kollox, kif inghad, l-Ewwel Qorti ma kenitx marbuta *ad validitatem* illi taghti

[2] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

motivazzjonijiet fid-decizjoni taghha li issa qed tigi impunjata ghalkemm kien deziderabbli illi ghal ta'l-inqas il-persuna misjuba hatja tinghata xi mottiv anke jekk fil-qosor dwar dak li wassal lill-Qorti ghal decizjoni dwar r-reita' taghha.

Affermat dan, din il-Qorti tqies ghalhekk illi hija ghandha terga' taghmel apprezzament mill-gdid tal-provi billi tali apprezzament ma jinstabx rifless fid-decizjoni impunjata fl-assenza ta' motivazzjoni adegwata.

Illi sfortunatament l-isfond ta' dan il-kaz isib il-qofol tieghu f'disgwid familjari bejn koppja ghaddejjin minn separazzjoni, fejn binthom minuri spiccat tizzeffen fin-nofs daqqa minn parti u daqqa minn ohra sabiex din it-tifla alternat tghix daqqa ma' ommha u daqqa ma' missierha x'aktarx skont kif jidhirliha xieraq hi u mhux kif inhu fl-ahjar interess taghha. Dan wassal sabiex ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti u dak dikjarat minnha lill-Ewwel Qorti kif ukoll il-pulizija jidhru kemmxejn inkonsistenti. Illum jidher illi l-minuri tghix ma' missierha u allura ragjonevolment ma tixtieqx titfa' dell ikrah fuqu. Fil-fatt fuq mistqosija maghmula mill-Prosekuzzjoni dwar il-fatt illi hija kienet ziedet xi fatti fix-xhieda taghha li ma kenitx semmiet quddiem l-Ewwel Qorti, tistqarr illi meta tat ix-xhieda taghha quddiem din il-Qorti hija kienet qed tirrisjedi ma' missierha u mhux aktar ma' omha. Tghid hekk:

*"Because on the first time I came I was a bit nervous cause it was the first time and I thought that my mother was nice but then afterwards she wasn't nice to me, but mostly because I was nervous and I didn't speak a lot."*

Illi fil-fatt din il-Qorti setghet tosserva illi l-minuri ma reditx titfa' dell ikrah fuq missierha fil-kors tax-xhieda taghha u bdiet tipprova tpingi stampa tajba ta' missierha u wahda negattiva ta' ommha fejn sahansitra bdiet tallega illi l-omm kellha hbiberija ma' xi certu Eric u li kienet tqatta' hafna hin fuq il-mobile, haga li ma kenitx semmiet fix-xhieda taghha quddiem l-Ewwel Qorti. Illi maghmula dawn il-kostatazzjonijiet, allura, din il-Qorti ma tistax taghti affidament lix-xhieda tal-minuri dwar l-incident li allegatament sehh fl-1 ta' Novembru 2014.

Issa il-Qorti kellha okkazzjoni ukoll tisma' il-parti leza Loren Grace Bonello, mart l-appellanti li tirrakonta fix-xhieda taghha diversi episodji dwar allegat vjolenza domestika. Illi madanakollu l-akkuza hija wahda specifika u cioe' dwar epsiodju li allegatament sehh fl-1 ta' Novembru 2014 fid-disgha u kwart ta' filghodu, u allura din il-Qorti tista' biss tiehu konjizzjoni tal-fatti illi sehhew f'tali jum u mhux fi granet ohra. Issa b'referenza ghal dan l-incident tal-1 ta' Novembru, l-parti leza tispjega illi f'dan il-jum rega inqala' skontru bejnha u bejn zewgha fejn dan ta'l-ahhar imbuttaha. Tghid hi stess illi f'dan il-jum l-ebda griehi ma gew lilha ikkagjonati u lanqas lil bintha minuri. Tghid semplicement illi l-appellanti hedded lill-minuri bil-kliem "ara ha nolqtok" li hija fehmitha, billi ma tifhimx bil-malti, li heddiha li kien ser joqtolha, ghalkemm il-kliem li hija tuza fix-xhieda taghha ma ifissrux dan.

Illi fi kwalunkwe kaz ma jirrizultax illi l-appellanti huwa akkuzat bir-reat kontravvenzjonali tat-theddid u kwindi din il-parti tax-xhieda ma ghandha l-ebda rilevanza ghal fini ta'l-akkuza odjerna.

Illi ghalkemm l-appellanti xehed quddiem l-Ewwel Qorti, madanakollu huwa ma regax ha il-pedana tax-xhieda issa fi stadju ta' revizjoni u ghalhekk din il-Qorti ma kellhiex okkazzjoni tisma' l-verzjoni tieghu tal-fatti. Illi lanqas ma tista' din il-Qorti tiehu konjizzjoni ta' dak mistqarr minnu lill-pulizija meta huwa gie mitkellem minnhom wara ir-rapport maghmul minn martu fil-konfront tieghu. Dan ghaliex ghalkemm jidher li huwa ammetta maghhom li kellu argumenti ma' martu u anke qabadha minn ghonqha, madankollu dan gie mistqarr minnu minghajr ma gie moghti id-debita twissija skont il-ligi u meta lanqas ma jidher illi kien gie moghti l-opportunita' jikseb parir legali. Kwindi dawn id-dikjarazzjonijiet qed jigu skartati.

Illi maghmula ghalhekk dawn il-konsiderazzjonijiet, ghalkemm mix-xhieda ta' Lauren Grace Bonello jidher illi zewgha hebb ghaliha meta imbuttaha sabiex idejjaqha u dan fl-1 ta' Novembru 2014, data li ghaliha tirreferi l-akkuza, madanakollu ma jidhirx illi f'dan il-jum huwa hebb ghal bintu jew ikkaguna xi griehi

lil dawn it-tnejn minn nies. Kwindi is-sentenza impunjata ser tigi riformata sabiex jigi rifless dan.

Illi finalment irid jinghad illi dwar l-akkuza kontravvezjonali mahsuba fl-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali :

*"ghall-imputabbilita` ta` dan ir-reat hi bizzejjed il-volontarjeta` tal-fatt; hu bizzejjed li l-imputat kien il-kawza efficjenti volontarja tal-fatt kontravvenzjonali, minghajr ma hemm bzonn illi jkun hemm fl-imputat il-kuxjenza tal-illegittimita` tal-fatt stess. Jekk hu ried il-fatt biss, allura hu fi stat kontravvenzjonali. B'mod illi l-indagini tal-Qorti ghandha tkun ristretta filli l-gudikant jara jekk l-imputat riedx il-fatt, meru u semplici.[3]"*

Dan ghaliex,

*"il-Qorti ma ghandhiex taghmel ebda ricerka dwar l-element intenzjonali ta' dan ir-reat; ghax il-ligi rilevanti tikkwalifikah bhala kontravvenzjoni, u fil-kontravvenzjonijiet hija bizzejjed il-volontarjeta', ghalkemm din tista' tkun eccezzjonalment eskluza fil-kaz ta' zball invincibbli u essenzjali, u li jgib, dejjem eccezzjonalment, il-bwona fede[4]."*

Illi allura l-element intenzjonali f'dina l-akkuza ta' natura kontravvenzjonali ma hemmx bzonn li jigi ippruvat u cioe' li l-imputat ghamel l-azzjoni inkriminatorja b'xi hsieb maghmul, b'xi intenzjoni premeditata. Il-volontarjeta' ta'l-att innifsu hija bizzejjed u cioe illi huwa bizzejjed illi jigi ippruvat li meta l-appellanti imbotta lil martu huwa ghamel hekk b'mod volontarju u dan sabiex kif tirrikjedi il-ligi, jingurjaha, idejjaqaha jew ighamillha hsara, u dan kif inhu rifless fix-xhieda ta'l-istess Bonello.

Illi fid-dawl ta' dawn il-konkluzjonijiet il-Qorti ma tqies li ghandha ghalfejn tiehu konjizzjoni tal-aggravvji l-ohra sollevati mill-appellanti inkluz allura dik dwar il-piena billi l-istess ser tigi varjata sabiex tirrfiletti dak hawn fuq deciz.

[3] Il-pulizija vs Anthony Mallia App.Inf – 24/02/1960
[4] Il-Pulizija vs Carmelo Bonnici – Appell Inferjuri 15/02/1958

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell *in parte* tghaddi ghalhekk biex tirriforma is-sentenza impunjata billi tirrevokaha fejn din sabet htija fl-appellanti illi huwa ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq Lauren Grace Bonello u l-minuri Sophie Lauren Bonello u fejn huwa gie misjub hati ukoll li hebb ghall-istess Sophie Loren Bonello u tilliberah mill-istess, izda tikkonfermaha fejn instab hati li hebb ghal martu Loren Grace Bonello. Konsgwentement tvarja il-piena inflitta u wara li rat l-artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali tikkundanna lill-appellanti ammenda ta' hamsin ewro (€50), kif ukoll wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta torbot il hati b'garanzija taht penali ta' €1000 sabiex izomm il-paci ma' Lauren Grace Bonello u dan ghal zmien sena mil-lum.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur